MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 204/2010

**Omni Stat Limited**

**Vs**

**Richard Buhagiar**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef tmien mija u hamsa u hamsin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€3,855.89) rapprezentanti inkwantu ghal tlett elef erba' mija u disgha u hamsin euro u sitta u sittin centezmu (€3,459.66) prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenut u kkonsenjata, u inkwantu ghal tlett mija u sitta u disghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu

(€396.23) imghaxijiet kalkolati mid-data ta’ kull fattura sal-31 ta’ Mejju 2010 skond il-prospett anness ma’ l-Avviz u mmarkat bhala Dok.A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 746/2010 taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1931/10 intavolat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghax kummercjali ulterjuri skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti tal-kawza u semghat lil Mark Schembri prodott mis-socjeta’ attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, il-Qorti tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett elef erba’ mija u disgha u hamsin euro u sitta u sittin centezmu (€3,459.66) prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu, u s-somma ta’ tlett mija u sitta u disghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€396.23) rapprezentanti imghax konteggjat mid-data ta’ kull fattura sal-31 ta’ Mejju 2010. Bl-imghax ulterjuri fuq is-sorte konteggjat mill-1 ta’ Gunju 2010 sad-data tal-effettiv pagament. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 746/2010 taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 kif ukoll tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1931/10 mill-1 ta’ Gunju 2010 sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------